# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Seduta tas-27 t'Ottubru, 2016

Appell Nru: 94/2015

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Mario Caruana**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Mario Caruana, detentur tal-karta tal-Identita Maltija bin-nurmu 22680M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Meta b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u jkunu maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ghax-xhur minn Gunju, 2014 sa Awwissu 2014, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil Rose Mary Baldacchino u/jew lil uliedu is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulat bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15-il jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar it-23 ta' Frar, 2015, li biha wara li rat l-

artikoli 338(z), 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati u kkundannatu xahar prigunerija;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Mario Caruana, prezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-2 ta' Marzu, 2015, li permezz tieghu talab tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minnha u fin-nuqqas taghti sentenza aktar ekwa u gusta.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant;

Semghet lill-kwerelanta bil-gurament;

Rat l-atti kollha tal-kaz;

Rat l-aggravji tal-appellant li huma s-segwenti:

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semghet lill-Rose Marie Bartolo, precedentement Baldacchino bil-gurament li ddikjarat illi wara li inghatat s-sentenza appellata mill-Qorti tal-Magistrati, l-appellant hallas il-manteniment lilha dovut;

Rat id-dikjarazzjoni tal-appellant kif registrata fis-seduta tal-lum li permezz taghha irtira l-ewwel aggravju;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellant jikkwerela s-sentenza tal-Qorti tal-ewwel grad fuq il-gravami li qatt ma setgha jinstab hati minhabba li kien fl-impossibilita' li jhallas il-manteniment lil martu. Il-kwerelanta xehedet quddiem din il-Qorti u kkonfermat illi fil-mori thallset l-ammont lilha dovut mill-appellant u li ghalhekk ma kienx ghad kellha interess fil-kawza;

2. Illi minn ezami tal-atti din il-Qorti ma tara xejn li jista' jwassalha tikkonkludi li l-ewwel Qorti ma setghetx ragjonevolment u legalment issib htija fl-appellant. Apparti l-aggravju tieghu kif redatt

fir-rikors tal-appell, igifieri li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi meta kien fl-impossibilita' li jhallas il-manteniment, l-appellant ma ressaq ebda argument in rigward u donnu abbanduna din il-linja difensjonali bis-silenzju tieghu. Dan l-aggravju ghalhekk qed ikun michud;

3. Kwantu ghat-tieni aggravju dwar il-piena kominata, kif kostantement ritenut minn din il-Qorti, fi kwistjonijiet konsimili fejn l-appellant ikun ottempera ruhu fil-mori ikun intlahaq l-iskop tal-legislatur li kien introduca l-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

4. Illi ghalhekk hemm lok ghal temperament fil-piena u ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha in kwantu ghall-htija izda tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant xahrejn prigunerija u minflok tikkundannah ghall-hlas ta' *ammenda* ta' tmienja u hamsin euro u tlieta u ghoxrin centezmu (€58.23).

Giovanni M. Grixti

Imhallef